MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 296/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo k/a Charlie Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo k/a Charlie Sammut talli fl-1 ta’ Gunju 2008 ghall-habta ta’ 10.10 a.m. f’Coast Road, is-Salini, limiti tan-Naxxar:

(1) Saq vettura ta’ ghamla Mercedes Nru. LRS 30 KT minghajr ma kienet registrata ma’ l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta;

(2) Saq l-imsemmija vettura ta’ ghamla Mercedes Nru. LRS 30 KT u kiser il-kundizzjonijiet li hemm imposti fil-licenzja ta’ l-uzu ta’ Trial Run Plate No. 113;

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija meta naqas li jieqaf meta gie mitlub biex jaghmel hekk mill-Pulizija waqt il-qadi ta’ dmirijietu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 3, 38(h), 51(5) u 51(6) ta’ l-A.L. 476/2004, sabet lill-imsemmi Carmelo k/a Charlie Sammut hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta’ €500, izda ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni u lliberatu minn tali imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Carmelo k/a Charlie Sammut ipprezentat fl-24 ta’ Ottubru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qortitalbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tielet imputazzjoni waqt li tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundanntu multa komplessiva ta’ €500 billi ma ssibux hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, u cioe` li l-vettura allegatament misjuqa minnu kienet iggib in-numru ta’ registrazzjoni LRS 30KT meta huwa pprova, almenu sal-grad tal-probabbli, li l-vettura minnu misjuqa kienet iggib in-numru KT53 UBG.

Il-provi tal-prosekuzzjoni jikkonsistu fl-ewwel lok fix-xiehda permezz ta' affidavit ta' P.C. 1002 Alfred Sciberras u ta' P.C. 1139 Karl M. Cassar. P.C. Sciberras jghid illi huwa waqqaf vettura tal-marka Mercedes li kienet qed tinsaq minghajr il-pjanca tan-numru tar-registrazzjoni. Skond dan ix-xhud, meta waqqafha, "irrizulta li numru tar-registrazzjoni kienu pjanci tar-registrazzjoni Ingliza u li jaqraw LRS 30KT u dan skond li stqarr is-sewwieq li kien bil-vettura dak il-mument". P.C. Cassar jghid biss li "rrizulta li l-vettura kellha pjanci Inglizi LRS 30KT li dak il-hin ma kinux imwahhlin", minghajr ma jghid kif sar jaf li l-vettura msemmija kellha dak in-numru ta' registrazzjoni. Iz-zewg xhieda osservaw li l-vettura kienet qed tinsaq bit-Trial Run Number Plate 113.

Il-prosekuzzjoni pproduciet ukoll lil Steven Cachia mil-Licensing and Testing Directorate li qal li mir-*records* taghhom ma jirrizultax li vettura bin-numru LRS 30KT hi registrata. Huwa kkonferma li l-appellant ghandu Trial Run Number 113 li ma tistax tintuza fil-Hdud u l-festi.

Da parti tieghu l-appellant xehed u, filwaqt illi ammetta li kien qieghed isuq vettura tat-tip Mercedes fil-gurnata tal-Hadd, cahad li din kellha n-numru LRS 30KT. Huwa xehed illi l-vettura li kien biha dak inhar kellha n-numru ta' registrazzjoni KT53 UBG (ara dokumenti a fol. 6 – 8) u hija l-vettura li tidher fir-ritratt a fol. 9.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant irnexxielu jipprova, fuq bazi ta' probabbilita`, li l-vettura li kien qieghed isuq fl-1 ta' Gunju 2008 meta twaqqaf mill-Pulizija kienet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KT53 UBG. In-numru LRS 30KT fl-imputazzjoni seta' tnizzel ghax sar zball. Seta' wkoll tnizzel dan in-numru ghax kien in-numru li l-appellant ta lill-pulizija li waqqfuh (bhalma jghid P.C. Sciberras). Sfortunatament mill-affidavits tal-pulizija ma jirrizultax li ghamlu verifiki dwar jekk il-vettura li kien qieghed isuq l-appellant kinitx registrata. Difatti jidher li r-rapport taghhom kien jikkoncerna l-fatt tas-sewqan tal-vettura li kien biha l-appellant bi Trial Run Plate meta tali sewqan ma jistax isir fil-Hdud u l-festi. Mill-affidavits l-

anqas ma jirrizulta illi l-pulizija talbu lill-appellant biex jaraw xi dokumenti li seta' kellu dwar dik il-vettura. Minn tali dokumenti kienu jkunu jistghu jipparagunaw in-numru tal-magna u n-numru tax-*chassis* u jiddeterminaw minghajr ebda dubju n-numru ta' registrazzjoni ta' l-istess vettura. Fic-cirkostanzi, peress illi l-appellant gie specifikatament akkuzat li kien qieghed isuq vettura bin-numru LRS 30KT u mill-provi li huwa ressaq irnexxielu jipprova, almenu fuq bilanc ta' probabbilita`, li l-vettura li kien qieghed isuq kienet dik bin-numru KT53 UBG, l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti ma jirrizultawx.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni izda tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' €500 u minflok tiddikjarah mhux hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minnhom tilliberah u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------